MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2013

Numru. 869/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**SHAUN AGIUS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SHAUN AGIUS**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, bin Emanuel u Roberta nee' Micallef, imwieled Pieta' fit-23 ta' Marzu 1988, residenti Binja 21 ta' Settembru 1964, Entratura D, Flat 6, Triq il-Qalbiena, San Gwann u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 172188(M) gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar is-6 ta' Settembru 2013 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) gewwa Fratelli La Bufala, li

jinsab gewwa Tigne' Point, Sliema, Sliema ikkommetta serq ta' Euro 50 fi flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-persuna ghad-detriment ta' Mark Ellul, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 133286(M).
2. U aktar talli nhar it-3 ta' Settembru 2013 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) gewwa Fratelli La Bufala, li jinsab gewwa Tigne' Point, Sliema, Sliema ikkommetta serq ta' Euro 90 fi flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-persuna ghad-detriment ta' Pasquale Giovanni detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru AT6928357.

3. U aktar talli nhar il-31 ta' Awwissu 2013 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) gewwa Fratelli La Bufala, li jinsab gewwa Tigne' Point, Sliema, Sliema ikkommetta serq ta' Euro 30 fi flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-persuna ghad-detriment ta' Katie Martin.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' fedina penali, dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali, okkorrenza u att mill-estratt tat-twelid tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandux mezzi finanzjarji u li huwa indigenti u l-Qorti ghalhekk innominat lil Dr Renzo Porsella Flores bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu llum disgha (9) ta' Settembru 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-disgha (9) ta' Settembru 2013.

Invista ta' tali ammissjoni, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni u li l-ammont misruq huwa ta’ mija u sebghin ewro (€170) u hallas lura disghin ewro (€90) u b’hekk kien ghad baqa’ bilanc ta’ tmenin ewro (€80).

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat diga’ kiser difrejh mal-ligi fil-passat u dan in konnessjoni ma’ akkuzi relatati ma’ serq u ma gharafx jisfrutta ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu u ghalhekk din id-darba il-Qorti trid turi id kiefra sabiex forsi l-imputat jitghallem mill-izbalji tieghu.

Semghet pero’ lill-Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni u li sahansitra irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita’ moghtija lilu, kif ukoll li l-ammont misruq kien wiehed de minimis. Dan nonostante pero’ ma jnaqqasx min-natura tal-akkuzi ta’ serq li nghataw fil-konfront tal-imputat u ghalhekk il-Qorti thoss li hija ghandha tinfliggi piena karcerarja sospiza bil-ghan li jkollha effett ta’ mannara fuq ras l-imputat u possibbilment jarha bhala deterrent sabiex ma jirrepetix reat iehor.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l-Artikolu 261(d), 268 u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat SHAUN AGIUS hati ta’ l-akkuzi u tikkundannah sentejn prigunerija sospiza ghal erba’ snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**In oltre tordna lill-imputat ihallas il-bilanc rimanenti ta’ tmenin ewro (€80) fi zmien xahar mil-lum u dan ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat u x’jigri f’kaz li jwettaq reat tul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------